MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 123/2003

**IL-PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**KONTRA**

**JOSEPH MARY FABRI ta' 30 sena, iben Alfred u Mary Edwina nee' Agius Gilibert, imwieled Tal-Pieta' nhar it-13 ta' Novembru, 1981, residenti fil-fond numru 57, Stella Maris, Triq James Smith, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 612481M;**

**CLIVE MICALLEF ta' 28 sena, iben Francis u Rita nee' Pace, imwieled Tal-Pieta' nhar is-6 ta' Mejju, 1983, residenti fil-fond numru 58, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 250083M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Joseph Mary Fabri** u **Clive Micallef** li gew akkuzati talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Lulju, 2001, f'Bugibba, ikkommettew serq ta' accessorji minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAU768, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, ghad-detriment ta' Joseph Gatt miz-Zurrieq;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe' l-accessorji msemmija hawn fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin, izda anqas minn hames mitt lira Maltin, ghad-detriment ta' Joseph Gatt miz-Zurrieq;

4. **Joseph Mary Fabri wahdu** akkuzat talli fix-xhur ta' qabel it-3 ta' Marzu, 2002, fil-Qawra/San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi stereos u xi affarijiet ohra minn erba' vetturi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, xorta tal-haga misruqa, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira, ghad-detriment tas-sidien rispettivi;

5. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' l-vetturi msemmija hawn fuq, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin, izda anqas minn hames mitt lira Maltin, ghad-detriment tas-sidien rispettivi;

6. U aktar talli fis-snin ta' qabel it-3 ta' Marzu, 2002, f'Bugibba/San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' zewg

basktijiet kontenenti ghodod, apparat tal-hi-fi u oggetti ohra, ghad-detriment ta’ persuni mhux maghrufa;

7. U aktar talli fid-29 ta’ Settembru, 2000, ghall-habta tat-8.00pm fil-Qawra, ikkommetta serq ta’ basket b’xi flus kontanti u dokumenti ohra minn fuq il-persuna ta’ Dilys Margaret Hanley ta’ nazzjonalita’ Ingliza;

8. **Clive Micallef wahdu** akkuzat talli f’gurnata bejn il-15 u t-30 ta’ Settembru, 2001, f’San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb mir-residenza tal-genituri tieghu, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, lok, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, ghad-detriment tal-genituri tieghu;

9. U aktar talli fis-27 ta’ Settembru, 2000, ghall-habta tat-8.00pm, fil-Qawra, ikkommetta serq ta’ basket b’xi flus kontanti u dokumenti ohra minn fuq il-persuna ta’ Mary Evelyn Hilton ta’ nazzjonalita’ Ingliza;

10. U aktar talli fit-18 ta’ Awwissu, 2001, ghall-habta tat-2.30am fil-Qawra, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fil-vettura Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni IVN306 ghad-detriment ta’ Adam Dean Vella mill-Mellieha.

Rat illi fi stadju ta’ interrogatorju l-imputati wiegbu li ma kinux hatja ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront taghhom.

Rat ukoll li ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, u li wkoll gie ezebit il-kunsens tal-Avukat Generali ghal dan l-iskop.

Rat allura li kkonfermata l-istess ammissjoni, il-Prosekuzzjoni ressqet provi biss fil-konfront tad-danni u hsara sofferti mit-terzi.

Gie stabbilit ghalhekk mix-xhieda ta’ Adam Vella li hu sofra danni fuq il-vettura tieghu versu l-ammont ta’

Lm97.75 (folio 27 Dok AV), dan fuq il-vettura IVN306. Dan ir-reat huwa wiehed addebitat **lil Joseph Mary Fabri wahdu.**

Semghet ix-xhieda ta’ Dr Louie Bianchi li xehed f’isem is-socjeta’ Gasan and Mamo Insurance, qal fil-konfront tal-vettura LAV768, illi Joseph Gatt l-assigurat kien fil-konfront tal-hsara sofferta fuq il-vettura, hallas is-somma ta’ mitt lira Maltin, mentri l-insurance harget is-somma ta’ Lm183.53.

Dawk kienu l-unika xhieda li fil-medda ta’ tul ta’ zmien gew imressqa fil-konfront tad-danni sofferti.

Illi fil-fatt, minhabba n-nuqqas ta’ dehra ta’ wiehed jew iz-zewg imputati, din il-kawza ilha snin twal biex tinqata’, attitudni ta’ l-imputati li ilha ghaddejja mis-sena 2005, dan nonostante li anke nhargu mandati kontra taghhom.

Illi ftit ghandha xi tghid din il-Qorti, hlief illi ssibhom hatja ta’ l-akkuzi miggjuba kontra taghhom, wara li rat l-Artikoli 334, 335, 17, 31, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, ikkonsidrat illi tenut kont tat-trapass taz-zmien, anke jekk fil-fehma ta’ din il-Qorti dan kien biss imputabbli lill-imputati, huma ghandhom ibaghtu piena ta’ prigunerija ta’ sena u nofs sospizi ghal tlitt snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikundanna lil **Joseph Mary Fabri wahdu** jhallas, taht Ordni ta’ Restituzzjoni lil Adam Vella s-somma ta’ €227.76 fi zmien 6 xhur;

Bl-applikazzjoni tal-istess Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lil Joseph Mary Fabri u Clive Micallef fi kwoti ndaqs bejniethom ihallsu lil Joseph Gatt is-somma ta’ €116.50 fi zmien sitt(6) xhur mill-lum, u jhallsu kull wiehed lis-socjeta’ Gasan and Mamo wkoll fi zmien sitt(6) xhur mill-lum is-somma ta’ €213.81.

Tillibera lil Clive Micallef mill-akkuza koncernanti serq ta’ deheb minghand il-genituri tieghu minhabba rinunzja tal-missier ghall-istess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------